*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 14,159, 15 ta' Lulju, 1983*
*Taqsima A*

# MALTA

## ATT Nru. XII ta' l-1983

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni għall-proċessar ta' persuni akkużati b'reati kontra l-Att ta'l-1947 dwar il-Provvisti u Servizzi u regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.**

## ACT No. XII of 1983

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to establish the jurisdiction for the trial of persons charged with offences against the Supplies and Services Act, 1947 and regulations made thereunder.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

15 ta' Lulju, 1983

## ATT Nru. XII ta' l-1983

*ATT biex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni għall-proċessar ta' persuni akkużati b'reati kontra l-Att ta' l-1947 dwar il-Provvisti u Servizzi u regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1983 dwar il-Provvisti u Servizzi (Ġurisdizzjoni dwar Proċedimenti Kriminali).

Ġurisdizzjoni. Att IV ta' l-1947 Kap. 12

**2.** Ir-reati kollha kontra l-Att ta' l-1947 dwar il-Provvisti u Servizzi, u kontra kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu li jkunu saru wara d-9 ta' Diċembru, 1982, għandhom jiġu pproċessati mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, u, safejn ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw għal proċedimenti quddiem dik il-Qorti u għal proċedimenti għal appell minn kull deċiżjoni ta' l-imsemmija Qorti:

Iżda proċedimenti jistgħu jinbdew f'kull żmien sa sena mill-egħmil tar-reat:

Iżda wkoll l-Avukat Ġenerali dejjem ikollu l-jedd għal appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja.

Proċedimenti pendenti quddiem it-Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet.

**3.** (1) Il-każijiet kollha li, fit-28 ta' Ġunju, 1983, kienu pendenti quddiem it-Tribunal imsemmi fir-Regolamenti ta' l-1982 dwar it-Twaqqif ta' Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet, revokati b'dan l-Att, għandhom, minkejja dik ir-revoka, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, jitqiesu li nbdew quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar proċedimenti quddiem dik il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li huma pendenti quddiem l-imsemmija Qorti fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u li f'dik id-data aġġornati *sine die* mill-imsemmija Qorti.

(2) Kull akkuża għal xi reat li tkun saret qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att taħt id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti revokati b'dan l-Att, u kull taħrika maħruġa dwarha, għandhom minkejja dik ir-revoka, jitqiesu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, li jkunu saru jew inħarġu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, u kull riferenza għat-Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet li tinsab fihom għandha tinqara u tiftiehem bħala riferenza għall-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja. Akkużi u taħrikiet.

**4.** Ir-Regolamenti ta' l-1982 dwar it-Twaqqif ta' Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet huma b'dan revokati. Revoka tar-Regolamenti ta' l-1982 dwar it-Twaqqif ta' Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 119 tat-12 ta' Lulju, 1983.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

**(L.S.)**

AGATHA BARBARA
President

15th July, 1983

# ACT No. XII of 1983

*AN ACT to establish the jurisdiction for the trial of persons charged with offences against the Supplies and Services Act, 1947 and regulations made thereunder.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Supplies and Services (Criminal Proceedings) (Jurisdiction) Act, 1983.

Jurisdiction. Act IV of 1947. Cap. 12

**2.** All offences against the Supplies and Services Act, 1947, and against any regulations made thereunder committed after the 9th day of December, 1982, shall be tried by the Court of Judicial Police, and, save as in so far as they are not inconsistent with the provisions of this Act, the provisions of the Criminal Code shall apply to proceedings before such Court and to proceedings on appeal from any judgment of the said Court:

Provided that proceedings may be commenced at any time within one year from the commission of the offence:

Provided further that the Attorney General shall always have a right of appeal to the Court of Criminal Appeal from any judgment given by the Court of Judicial Police.

Proceedings pending before the Price Control Tribunal.

**3.** (1) All cases which, on the 28th day of June, 1983, were pending before the Tribunal referred to in the Price Control Tribunal (Constitution) Regulations, 1982, revoked by this Act, shall, notwithstanding such revocation, for all intents and purposes of law, be deemed to have been commenced before the Court of Judicial Police in accordance with the provisions of the Criminal Code relating to proceedings before such Court sitting as a Court of Criminal Judicature and to be pending before the said Court on the date of the coming into force of this Act and on that date adjourned *sine die* by the said Court.

(2) Any charge for any offence made before the coming into force of this Act under the provisions of the regulations revoked by this Act, and any summons issued in relation thereto, shall notwithstanding such revocation, be deemed for all intents and purposes of law, to have been made or issued under the provisions of the Criminal Code, and any reference to the Price Control Tribunal therein contained shall be read and construed as a reference to the Court of Judicial Police. Charges and summonses.

**4.** The Price Control Tribunal (Constitution) Regulations, 1982, are hereby revoked. Revocation of Price Control Tribunal (Constitution) Regulations, 1982.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 119 of the 12th July, 1983.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Taghrif — Kastilja — *Published by the Information Division — Kastilja*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*